L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Publikazzjoni : **9 ta' Lulju, 2004**

# It-tieni rizenja

Fi zmien hames xhur ghandna t-tieni rizenja fil-Partit Nazzjonalista. Ghal dawk li forsi ghandhom memorja qasira - irridu niftakru li kien biss fi Frar li ghadda li l-Prim Ministru ta' dak iz-zmien Fenech Adami kien irrizenja fi kliema kontroversjali mmens imhallta f'soap opera li tmiss ma' proceduri tal-Qrati Kriminali.

Irridu niftakru wkoll li din ir-rizenja, b'mod kif jafu jaghmlu n-Nazzjonalisti biss, giet imgezwra f'att onorervoli ta' rizenja sempliciment procedurali sabiex jinhatar kap gdid tal-Partit Nazzjonalista u fil-fatt tghidx kemm ftahir kien hemm minn dawk kollha nteressati dwar il-karriera tal-Prim Ministru li miskin kien ed jaghti r-rizenja tieghu !

Ta' din il-gimgha kien kaz iehor ta' rizenja. U jekk wiehed josserva, wara rizenja ta' Prim Ministru li kienet pjuttost mod kif jizboq minn kontroversja, l-iktar kariga importanti fil-Gvern hija dik tal-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin !

U hekk hu ! Inqas minn hames xhur wara r-rizenja tal-Prim Ministru – ir-rizenja tal-Ministru ta' l-Affarjiet Barranin! Lanqas hawnhekk m'hu se jkollna xi bniedem li zbalja u jitlaq mill-hajja politika almena biex jaghmel ir-riflessjonijiet mehtiega. Ghax Dalli se jibqa' Membru Parlamentari u ghad baqaghlna halli forsi naraw jekk il-Prim Ministru hux se jkompli jinvestiga.

Pero', lill-Partit Nazzjonalista kulhadd jafu. U m'ghandniex ghalfejm nittamaw izzejjed.

Ghal darb'ohra wkoll l-allegazzjonijiet kontra min se jirrizenja m'humiex xi haga tat-tfal iz-zghar jew irrelevante ghall-pajjiz.

Insomma mal-Partit Nazzjonalista l-kontroversji jkunu bil-kbir u hafna drabi l-protagonisti jitnehhew minn posthom meta l-kontroversja tant tkun immaturat u evidenti li tkun qieghda tattakka l-istabbilita' tal-partit stess.

Fi kliem iehor kontroversji li ma jilhqux din l-iskala jithallew ghaddejjin!

Pero' mal-Partit Nazzjonalista ma kienux biss l-oghla karigi fil-pajjizi li ghamlu zbalji kbar u koroh u mhux talli thallew ghaddejjin izda talli nghataw premju flor kastigi.

Meta jien nahseb f'dawn l-affarijiet tigini hniena minn kwalunkwe resident fil-Habs ta' Kordin, li ftit minnhom qeghdin jiskunaw sentenzi ghal reati hafna izghar minn dawk li qeghdin jigu mehlusa minnhom hbieb tal-Partit Nazzjonalista, u nibda niddubita fil-gustizzja li tezisti f'dan il-pajjiz bi Gvern Nazzjonalista.

Pero' meta wiehed jiftakar li anke l-istituzzjonijiet gudizzjarji ge imsebilha mill-istess Gvern billi l-Gvern stess qieghed kemm – il darba jizloq mill-procedura taghhom permezz ta' ghodod politici flok legali – bhal mahfriet presidenzjali – wiehed ikun fehem diga' hafna.